MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Numru. 1363/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Giuseppe Dimech u**

**David Dimech**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Kumpilazzjoni Numru: 1363/2010**

**Illum, 23 ta' Marzu 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Giuseppe Dimech ta' 60 sena bin il-mejjet Martino u l-mejta Dolores nee' Gauci imwieled Naxxar fit-8 ta' Frar 1950 u joqghod 70 'Ta' Martin', Triq il-Kullegg, Mosta detentur tal-karta ta' l-identita' numru 328450(M) u David Dimech ta' 32 sena bin Giuseppe u Maria Lycia nee' Vella imwieled St Julian's fil-23 ta' Gunju 1978 u joqghod 167, Vjal il-Kottoner,Fgura detentur tal-karta ta' l-identita' numru 396278(M):

Talli f'Novembru 2010 u fix-xhur u s-snin precedenti f'dawn il-Gzejjer, lil Giuseppe Dimech fil-kapacita' tieghu bhala Direttur tal-kumpanija J.D. Lifts Supplies Limited u lil David Dimech ghan-nom w in rapprezentanza tal-istess, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' iktar minn tnejn u hamsin elf ewro (€52,000), ghad-detriment Lawrence Formosa detentur tal-karta ta' l-identita' numru 742635(M), ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprjaw ruhhom, billi dawru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet

fdata jew ikkunsinjata lilhom taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta’ Lawrence Formosa detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 742635(M), ai termini ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U lil Giuseppe Dimech wahdu talli sar recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

Fl-artikoli 17, 18, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-artikoli  308, 309, 310, 310A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-artikoli 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-artikoli 17.18,31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-konfront ta’ Giuseppe Dimech wahdu:

Fl-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta min-nota tar-rinviju ghall-gudizzju li l-imputati, Giuseppe Dimech fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' J.D. Lifts Supplies Limited u David Dimech ghan-nom w in rapprezentanza tal-istess, jinsabu akkuzati bir-reati ta' truffa jew frodi innominata w approprjazzjoni indebita. Giuseppe Dimech jinsab ukoll addebitat b'recedivita'.

Mill-atti jirrizulta li Lawrence Formosa ordna zewg lifts, wiehed tal-passiggieri u l-iehor ghall-karozzi, minghand J.D. Lifts Supplies Limited (is-socjeta'). Fis-16 ta' Mejju 2008 gew iffirmati zewg kuntratti separati[1]. Qabel ma saret l-ordni u ffirmat il-ftehim, is-socjeta' tat kwotazzjonijiet tal-prezzijiet mitluba. Jirrizulta li ghar-rigward tal-lift tal-karozzi gew ikkwotati zewg opzjonijiet: wahda ghal-lift tal-karozzi biss u ohra ghal-lift tal-karozzi bil-passiggier. Lawrence Formosa ghazel lift ghal karozzi biss flimkien ma' lift ghal passiggieri wahdu. Il-prezz globali ghal dawn iz-zewg lifts kien ta' €65,785[2]. L-iffirmar tal-ftehim sar ma' David Dimech.

[1] Dok LF1 a fol 49 tal-process; u Dok LF2 a fol 53 tal-process.
[2] €33,335 ghal lift tal-karozzi u €32,450 ghal-lift ghal passiggieri

Dakinhar tal-iffirmar Lawrence Formosa ghadda pagament ta' €23,004 lil David Dimech ghaliex il-ftehim kien li mal-iffirmar jithallas 35% bhala depozitu. Mill-atti jirrizulta li tali pagament gie depozitat f'kont intestat lis-socjeta' Elcon Limited li taghha David Dimech huwa direttur. Fil-5 ta' Ottubru 2009 gie affettwat pagament iehor ta' €29,602 liema pagament ukoll gie depozitat fil-kont ta' Elcon Limited.

Fit-28 ta' Ottubru 2010, Lawrence Formosa ressaq kwerela fl-Economic Crime Unit[3] fejn talab lill-pulizija tinvestiga l-kaz billi kien qieghed ihoss li David Dimech kien qieghed ighaddih biz-zmien. Huwa sostna li l-ftehim kien li l-lift tal-passiggieri kellu jkun stallat sa l-ahhar ta' Ottubru 2009 u l-lift tal-karozzi kellu jkun stallat u jiffunzjona sa l-ahhar ta' Novembru 2009. Irrapporta li t-tieni pagament sar ghaliex David Dimech qallu li kollox kien wasal minn barra. Wara l-pagament kompla xi xoghol fuq il-lift tal-passiggieri u stalla l-guides tal-lift tal-karozzi u ma ghamel xejn aktar. Ighid li talab hafna drabi lil Dimech sabiex jaghtih il-flus lura izda baqa' ma ghamel xejn u sal-gurnata tar-rapport kien ghadu ma lestiex.

Illi jirrizulta li z-zewg lifts twahhlu u gew certifikati wkoll li huma skont ir-regolamenti vigenti.

Illi l-versjoni moghtija minn Lawrence Formosa fix-xhieda tieghu[4] hija li l-lift tal-passiggieri ma kienx lest sa' l-ahhar ta' Ottubru 2009 u dejjem kienu jgibulu l-iskuzi. Xehed li Dimech kien beda x-xoghol, iwahhal hadid u dam ikaxkar sa April 2010 u skontu taparsi spiccah f'Awwissu 2010 u l-mutur tal-lift li twahhal ma kienx tajjeb ghaliex beda jieqaf kull darba u jhabbat hafna u infatti kellu jinbidel il-mutur ta' fuq. Xehed li l-lift tpogga f'Novembru 2010 u Dimech spiccah fis-7 ta' Dicembru 2010. Isostni li meta ntalab it-tieni pagament ma kien ghadu sar xejn. Jixhed li l-bini kien ilu lest minn Mejju 2009. Huwa kkonferma li ma kellux *power supply* tal-lifts pero' d-dawl kien imqabbad ma'

[3] Dok MC1 a fol 23 tal-process
[4] Seduta tas-16 ta' Frar 2011

post iehor ta' proprjeta' tieghu u kkonferma wkoll li l-imputati gibdulu l-attenzjoni fuq il-problema tal-*power supply*.

In kontro-ezami kkonferma li sa dakinhar *3-phase electricity supply* ghal-lift tal-karozzi ma kellux u r-raguni li ta hija li meta jsir il-lift irid jaghmel l-art biex tigi livell u l-MEPA qalulu li qabel ilesti l-art ma jinharigx *compliance certificate*. Ghar-rigward tal-lift tal-karozzi xehed li dakinhar li mar jaghmel ir-rapport ir-railings u l-gnub kienu ilhom diga' mwahhlin xhur. Dwar il-*completion date* jghid li ftehmu biss verbalment.

Iben Lawrence Formosa, Jean Pierre, xehed fuq l-istess binarji ta' missieru. In kontro-ezami[5] jikkonferma li f'Gunju 2010 il-lift tal-passiggieri kien installat ghalkemm kellu diversi difetti. Jixhed ukoll li sal-ahhar ta' Frar 2011 l-art bil-konkrit fil-garaxx kienet ghadha ma nghatatx. Jikkonferma li ghad hemm €8,000 pendenti x'jithallsu fuq il-lift tal-passiggieri u ddikjara li qabel ma jitrangaw certu problemi mhux se jhallas. Oltre' dan jikkonferma wkoll li l-binja ma tlestitx sa qabel nofs is-sena 2009.

Min-naha tad-difiza, l-imputat David Dimech xehed[6] li l-qisien ittiehdu f'Gunju 2009 meta tlestiet il-binja u l-installazzjoni bdiet f'Settembru ta' l-istess sena. F'Gunju 2009 ma kien hemm ebda livelli, ebda dawl mghoddi u Formosa insista li jibdew l-installazzjoni minhabba xi *commitments* u minflok f'Novembru 2009 bdew f'Settembru meta il-livelli xorta ma kienux lesti, il-komun lanqas, il-madum ta' quddiem il-lifts kien ghadu fi stadju ta' kostruzzjoni u l-bibien ma kienux bnewhom skont il-pjanta li tawhom. F'dan iz-zmien, ossija f'Settembru 2009, meta Formosa ghaddilhom it-tieni pagament, bdew *brackets* u *rails*, sar l-allinjament, il-bazijiet, il-frame tal-mutur u tal-piston fiz-zewg lifts. Il-madum fil-*common areas* fir-rigward tal-lift tal-passiggieri twahhal f'Jannar 2010. Ikompli li f'Marzu 2010 Formosa gabulhom *power supply* li ma kinitx sodisfacjenti u l-*equipment* ma bedix jahdem sew. Dan kien *cable* temporanju

---

5 Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012
6 Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

biex ihaddmu *tower crane* ghall-kostruzzjoni.. F'April 2010 Dimech gibdu l-attenzjoni ta' Formosa li kemm il-mutur u kemm l-*inverter* kellhom il-hsara li s-supplier taghhom qalilhom li kienet konsegwenza ta' *fluctuating voltage.*

Dimech xehed li l-lift tal-passiggieri kien installat u lest f'Mejju 2010. Ghar-rigward l-lift tal-karozzi xehed li bhala kostruzzjoni u preparamenti ma sar zvilupp ta' xejn min-naha ta' Formosa.. Huma wahhlu l-istruttura li setghet titwahhal pero' ma kienux jafu fejn gejjin il-livelli tal-art u allura ma setghux iwahhlu bibien. Lanqas kien hemm post fejn setghu jpoggu l-makkinarju ghaliex kien ghadu kullimkien ramel u terrapien[7] u fil-fatt anki fl-entratura suppost kien hemm access ta' rampa izda r-rampa kienet ghadha ma saritx. Jispjega li meta kkonsenjaw il-*power unit*, Formosa talabhom biex ituh *rating.* Din kienet 29kw u qalilhom li s-sistema tad-dawl li huwa kien ser igib kienet 19kw u kwindi talab lil Dimech biex jivverifika ma' l-Enemalta. Il-Korporazzjoni nfurmaw lil Dimech li Formosa kien applika ghal dawl normali izda setghu jaqduhom kontra hlas ghaliex ried ighaddi *cable.* L-imputati hadu parir minghand l-avukat taghhom li ddirigihom biex fis-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha jaqduh u spiccaw hargu €4,000 minn buthom u xtraw *power unit* ohra biex ikunu jistghu jimxu bix-xogholijiet. Il-*metres* tad-dawl tal-Enemalta saru f'Mejju 2012.

Dimech jispjega wkoll li fi Frar 2012, Formosa avvicinahom biex isir *upgrade* tal-lift tal-karozzi billi jsir ukoll ghal passiggier. Huma tawh il-kwotazzjoni u dakinhar stess cemplilhom u kkonferma u ghaddilhom pagament ta' €4,500. ix-xogholijiet saru fi zmien xahar u nofs. Wara li sar dan ix-xoghol Dimech kellem lil Formosa u nfurmah li kien baqa' bilanc ta' €18,000 fuq il-progett kollu u talbu xi pagamenti ohra li minnhom thallsu biss €1,000 akkont. Mill-bqija l-bilanc ghadu pendenti.

Ghar-rigward il-kwistjoni li l-flus gew depozitati fil-kumpanija li taghha huwa direttur, Elcon Limited, spjega li l-genituri tieghu kienu qeghdin jisseparaw fis-

[7] Ara ritratti mehudin f'Marzu 2011

sena 2004/2005 u billi ommu kienet direttur fil-J.D. Lifts Supplies Limited ittiehdet decizjoni li tigi ffurmata l-kumpanija Elcon Limited biex ma jkollhomx problemi ghaliex kellhom *running commitments* ma' klijenti ta' *maintenance agreements* u kienu jordnaw il-materjal fuq Elcon Limited. F'dan il-kaz il-parts gabuhom mis-socjeta' Elcon Limited.

Ikkunsidrat:

Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna[8].

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[9].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[10]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che*

[8] Ara s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Fountain et deciza fil-15 ta' Dicembru 2011
[9] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[10] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

*l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Antolisei jkompli jghid pero li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[11].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[12].

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputati jew ahjar is-socjeta' J.D. Lifts Supplies Limited kienet fin-negozju tal-lifts. Irrizulta wkoll li sa minn qabel il-prezentata tal-kwerela minn Lawrence Formosa u kwindi ferm qabel il-prezentata tac-citazzjoni odjerna l-lift tal-passiggieri kien installat. Kellu certu nuqqasijiet uhud attribwibbli lis-socjeta' w uhud attribwibbli lill-izviluppatur izda din hija kwistjoni ta' materja civili. Irrizulta wkoll li l-materjal effettivament inxtara anki ghal dak li jirrigwarda l-lift tal-karozzi u kien twahhal anki qabel il-kwerela. F'dan il-kwadru ta' fatti ma tirrizulta l-ebda messa in xena, u lanqas ma jirrizulta xi ingann perpetrat da part ital-imputati u tas-socjeta J.D. Lifts Supplies Limited li permezz tieghu induciet lill-parte civile biex jaghmel il-pagamenti li fil-fatt ghamel. Infatti rrizulta li fil-kuntratt innifsu ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' dati ta' meta kellhom jigu installati u oltre' dan kien

[11] Op cit pagna 357
[12] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.

hemm diversi obbligi imposti fuq l-izviluppatur li ma gewx onorati minnu w allura parti sostanzjali mid-dewmien lanqas kien attribwibbli ghall-imputati.

Illi tenut kont ta’ dan, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, fil-fehma tal-Qorti r-reati kontemplati f’l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ma gewx ippruvati.

Ikkunsidrat:

Ghar-rigward tar-reat ta’ mizappropjazzjoni referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni** [13] fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta’ dan ir-reat:

*“Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b’mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.”*

L-awtur Francesco Antolisei jikteb:

*“La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell’abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio” (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)”*

[13] Deciza 9 ta’ Gunju, 1998. Ara wkoll The Police vs Keith Arthur Mayho deciza fl-4 ta’ Frar 2013

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole**[14] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li :

*"[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-nonrestituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno: Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo.* ***Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale.*** *Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole"*[15].

[14] 23 ta' Dicembru 2003
[15] The Police vs Keith Arthur Mayho deciza fl-4 ta' Frar 2013

Illi f'dan il-kaz lanqas din l-imputazzjoni ma tirrizulta. Infatti dak li rrizulta huwa li bhalma jsir solitament meta jkun hemm ordni, li f'dan il-kaz kienet zewg lifts, intalab depozitu ta' 35% tal-prezz stabilit. Irrizulta li f'Settembru 2008 meta gew iffirmati l-kuntratti, il-binja fejn kellhom jigu installati l-lifts kienet ghadha hofra u hekk kif ammess minn Formosa l-binja tlestiet f'Mejju 2009.

Ladarba gew iffirmati zewg kuntratti ma jistax jigi injorat il-kontenut ta' l-istess. Mill-bidunett jigi nnutat li fl-ebda wiehed mill-kuntratti ffirmati ma giet stipulata *completion date.* Dan huwa plawsibbli billi f'dak il-mument tal-iffirmar ma kien hemm l-ebda binja. L-uniku indikazzjoni ghal zmien fl-istess ftehim kienet is-segwenti: *"Delivery of material to Malta – Approx 16 weeks from deposit payment/actual site measurements (as required)".* F'dan il-kaz, dakinhar tal-iffirmar ma setghu jittiehdu l-ebda qisien. L-izvilupp tal-binja kienet f'idejn Lawrence Formosa u mhux f'idejn is-socjeta'. Ghalhekk meta Lawrence Formosa jixhed li l-lift tal-passiggieri kellu jkun lest sal-ahhar ta' Ottubru 2009 ghax hekk qallu David Dimech u fil-kaz tal-lift tal-karozzi sa' l-ahhar ta' l-istess sena jista' jitwemmen billi l-binja tlestiet f'Mejju 2009. Izda certament ix-xoghol seta' jkun lest ladarba l-istess Formosa jonora l-obbligi naxxenti mill-istess skritturi li huwa ffirma.

Harsa lejn il-parti tal-ftehim *"General Conditions of Contract"* insibu *"Clients are responsible to ensure that 3-Phase Electricity Supply is available at the time of completion of electrical and mechanical installations, in order to enable JD Lifts Supplies Limited's technicians to carry out the final adjustments and commissioning". "The client is to prepare landing doorway openings according to indications by the JD Lifts Supplies Limited". "The client is to prepare clearly marked finished floor levels at each level prior to commencement of installation".*

Mill-provi rrizulta li t-*3-Phase Electricity Supply* saru f'Mejju 2012. Qabel din id-data l-provista ta' dawl kienet biss provduta minn provista ta' dawl minn post iehor. F'xi zmien kienu jinqdew billi Formosa jgibilhom *generator* izda ma

kienux moqdija sew. Jirrizulta wkoll li Formosa dejjem baqa' jinsisti li l-livelli tal-art kellhom isiru wara li jitwahhlu l-lifts u sostna li l-MEPA infurmawh li ma setax jinhareg *compliance certificate* qabel titlesta l-art. L-Inginier Spiteri spjega kif idealment il-livelli tal-art isiru qabel it-twahhil tal-lifts. Anzi sahansitra l-binja ghandha tkun fi stadju avvanzat bil-madum imwahhal. Ghalhekk dak pretiz mis-socjeta' ma kienx intiz biex tingieb xi skuza izda hekk kif miftiehem sa mill-bidunett u hekk kif tirrikjedi s-sengha l-livelli tal-art kellhom jitlestew. Dawn il-livelli saru minn Formosa f'April 2011.

Nonostante li ma kienx hemm it-3 *Phase Electricity Supply* is-socjeta' installat il-lift tal-passiggieri. Jirrizulta li dan il-lift kien installat ferm qabel ma' Formosa mar ghamel rapport lill-Pulizija. Huwa minnu li kien hemm xi nuqqasijiet biex ikun iccertifikat uhud minnhom attribwibbli lis-socjeta' w ohrajn attribwibbli lill-izviluppatur bhal per ezempju t-*telephone line* u s-*shaft lighting* ma kienx jibqa' tielgha sa fuq ghaliex iccaqalqu l-livelli. Dan il-lift gie ccertifikat li huwa konformi mar-regoli vigenti fis-sena 2011. Isegwi ghalhekk li bla ebda dubju parti mill-pagamenti li kienu saru kienu diga' intuzaw ghall-iskop previst. Tajjeb jinghad ukoll li meta kien hemm problema bil-mutur is-socjeta' biddlitu u dan a spejjez taghha.

Rigward il-lift tal-karozzi, il-problema tan-nuqqas ta' provista ta' dawl adegwata kienet aktar accentwata, anki kif stabilit mill-Inginier Spiteri li xehed li ma setax jiccertifika l-lift qabel ma jkun hemm it-3-*Phase Electricity Supply.* Huwa kien induna li s-supply kienet temporanja ghax kien qieghed jintuza *generator*. L-Inginier kien anki gibed l-attenzjoni ta' Formosa u anke lill-kuntrattur li meta jigi s-*supply* tal-Enemalta seta' jaghti l-kaz li jekk ikun imqabbad hazin is-*supply* jahraq il-*car lift*. Dan apparti wkoll l-problema tal-livelli li ma kienux lesti fil-hin. Kwindi l-lift ma setax jintuza' billi ma kienx hemm *3-phase electricity supply.*

Illi ghar-rigward il-fatt li l-flus li thallsu akkont u li gew depozitati fil-kont tal-kumpanija Elcon Limited, l-ispjegazzjoni moghtija mid-difiza hija plawsibbli.

Oltre' dan lanqas ma gie ppruvat li l-flus intuzaw ghal xi skopijiet ohra. Hawhekk ma jistax ma jigix irrilevat li fin-negozju kull darba li jsir depozitu ghal xi ordni ta' xoghol ma jistax jigi pretiz li n-negozjant iwarrab dak l-ammont partikolari sakemm jingiebu l-parts u l-materjal. Huwa altru milli evidenti li l-flus se jintuzaw ghall-hlas tal-haddiema, tal-kontijiet, ghall-parts u ghall-materjal. L-importanti huwa li meta jasal iz-zmien li jitwettaq ix-xoghol ordnat dan effettivament isir. Kif d'altronde irrizulta li sar fil-kaz odjern.

Fl-ahharnett ma jistax ma jigix ukoll innutat li waqt dawn il-proceduri l-istess Lawrence Formosa talab tibdil fil-lift tal-karozzi u ordna x-xoghol mill-istess socjeta'. Mhux hekk biss talli hallas €4,500 u €1,000 akkont. Ma jistax ukoll ma jigix rilevat li matul it-trattazzjoni tal-kaz irrizulta li wara li l-lifts gew installati u qeghdin jintuzaw ghad hemm bilanc sostanzjali li ghadu dovut minn Lawrence Formosa.

Illi fil-fehma tal-Qorti ma giex ippruvat li l-imputati qatt kellhom l-intenzjoni li japproprjaw ruhhom mill-flus ta' Lawrence Formosa biex idawruhom bi profit ghalihom. Din kienet kwistjoni purament civili li ma kellhiex tasal quddiem din il-Qorti.

Fl-ahharnett l-imputat David Dimech tharrek ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'. Madankollu minn imkien ma jirrizulta li l-istess qatt kellu r-rapprezentanza ta' l-istess socjeta.

In vista li l-Qorti mhux se ssib htija inkwantu ghall-ewwel zewgt imputazzjonijiet isegwi li lanqas ma jista' jkun ippruvat l-addebitu tar-recidiva inkwantu ghal Giuseppe Dimech.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tilliberahom minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------